A.L. 222 ta' l-2006

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-2006 dwar il-Kummisarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabilitajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' L-Ordinanaza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li gej:-

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-2006 dwar il-Kummisarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabilitajiet).

Art speċifikata.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.

Jum appuntat.

3. Id-drittijiet u r-responsabilitajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni għandhom b'seħħ mis-17 ta' Mejju, 2006 jitwettqu mill-Kummissarju ta' l-Artijiet u mhux aktar mill-Malta Industrial Parks Limited.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(i) Biċċa art f'Rikasoli, limiti tal-Kalkara flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar u immarkata bħala sit Nru. 1 fuq il-pjanta P.D.5_92_2.

(ii) Biċċa art f'Rikasoli, limiti tal-Kalkara flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar u immarkata bħala sit Nru. 2 fuq il-pjanta P.D.5_92_2.

(iii) Biċċa art f'Rikasoli, limiti tal-Kalkara flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar u immarkata bħala sit Nru. 3 fuq il-pjanta P.D.5_92_2.

(iv) Biċċa art f'Rikasoli, limiti tal-Kalkara flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar u immarkata bħala sit Nru. 4 fuq il-pjanta P.D.5_92_2.

Riferenza għal din l-art tinsab fl-Ordni ta' l-1993 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabilitajiet), pubblikata bl-Avviz Legali 67 ta' l-l993. Il-pjanta P.D. 5_92_2 hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att datat 11 ta' Mejju 2006.